

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Consilgio di Stato (l-Italja) fl-1 ta' Frar 2022 – Viagogo AG vs Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

(**Kawża C-70/22**)

(2022/C 165/38)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Consilgio di Stato

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellant: Viagogo AG

Appellati: Autorità per le Garanzie nelle Comunicazioni, Autorità Garante della Concorrenza e del Mercato

Domandi preliminari

- 1) Id-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċċetà ta' l-informazzjoni, partikolarmen il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (¹), u b'mod partikolari l-Artikoli 3, 14 u 15 tagħha, moqrija flimkien mal-Artikolu 56 TFUE, jipprekludu l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar il-bejgħ ta' biljetti għal avvenimenti fis-suq sekondarju li għandha l-effett li tipprekludi lil ġestjonarju ta' pjattaforma ta' hosting li jopera fl-Unjoni Ewropea, bħalma hija l-appellant i f'din il-kawża, milli jipprovdil lil utenti terzi servizzi ta' reklamar ta' bejgħ ta' biljetti għal avvenimenti fis-suq sekondarju, billi tirriżvera din l-attività biss għall-bejjiegħha, organizzaturi ta' avvenimenti jew entitajiet oħra awtorizzati minn awtoritajiet pubbliċi sabiex joħorġu biljetti fis-suq primarju permezz ta' sistemi ċċertifikati?
- 2) Barra minn dan, l-Artikoli 102 TFUE u 106 TFUE, moqrija flimkien, jipprekludu l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar il-bejgħ ta' biljetti għal avvenimenti li tirriżvera s-servizzi kollha inerenti għas-suq sekondarju tal-biljetti (u b'mod partikolari s-senserja għal bejgħ ta' biljetti) biss għall-bejjiegħha, organizzaturi ta' avvenimenti jew entitajiet oħra awtorizzati sabiex joħorġu biljetti fis-suq primarju permezz ta' sistemi ċċertifikati, meta tipprekludi minn tali attivitā lill-fornituri ta' servizzi tas-soċċetà tal-informazzjoni li jixtiequ jaġixxu bħala fornituri ta' hosting fis-sens tal-Artikoli 14 u 15 tad-Direttiva 2000/31/KE, b'mod partikolari fejn, bħal f'dan il-każ, l-effett ta' tali riżerva huwa li tippermetti li operatur dominanti fis-suq primarju ta' distribuzzjoni ta' biljetti jestendi d-dominanza rispettiva tiegħu fuq servizzi ta' senserja fis-suq sekondarju?
- 3) Il-kunċett ta' fornitur ta' hosting passiv, fis-sens tal-leġiżlazzjoni Ewropea u b'mod partikolari tad-Direttiva 2000/31/KE, jista' jintuża biss fl-assenza ta' kull aktività ta' filtrazzjoni, selezzjoni, indiċjar, organizzazzjoni, ikkatalogar, aggregazzjoni, evalwazzjoni, użu, modifika, estrazzjoni jew promozzjoni tal-kontenuti ppubblikati mill-utenti, intiżi bħala indiċi ta' natura illustrattiva u li ma għandhomx ikunu kollha preżenti fl-istess ħin sa fejn dawn għandhom jitqiesu, fihom innifishom, bħala li jindikaw ġestjoni imprenditorjali tas-servizz u/jew tal-adozzjoni ta' teknika ta' evalwazzjoni tal-agħir tal-utenti sabiex tiżdied il-fedeltà, jew inkella hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa r-rilevanza taċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq b'tali mod li, anki jekk ikun hemm waħda jew iktar minnhom, ikun possibbli li jitqies li n-newtralità tas-servizz li jwassal għall-klassifikazzjoni ta' fornitur ta' hosting passiv hija prevalent?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolo 13, Vol. 25, p. 399.

Appell ippreżentat fit-3 ta' Frar 2022 minn Grupa Azoty S.A., Azomureş SA, Lipasmata Kavalas LTD Ypokastisma Allodapis mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fid-29 ta' Novembru 2021 fil-Kawża T-726/20, Grupa Azoty et vs Il-Kummissjoni

(**Kawża C-73/22 P**)

(2022/C 165/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellant: Grupa Azoty S.A., Azomureş SA, Lipasmata Kavalas LTD Ypokastisma Allodapis (rappreżentanti: D. Haverbeke, L. Ruessmann u P. Sellar, avocats)